MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 338/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Michael Ellul**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Michael Ellul ta' 26 sena, iben Carmelo u Carmen xebba Lia, imwieled Pieta` fit-23 ta' Gunju 1984, residenti 70, Flat 1A, Triq Marina, Kalkara detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 303084(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Ottubru 2010 u fil-hames snin ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2010:

   Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli huwa recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

4. U fl-ahhar net talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Dr. S. Demicoli LL.D. datata l-10 ta' Lulju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll illi l-imputat ghandu mpjieg fiss. Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. F’dan ir-rigward, il-Qorti kkunsidrat illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta illi huwa kien ilu jabbuza mid-droga eroina ghal perjodu ta’ madwar disa’ snin u ghalhekk minn meta kellu madwar sbatax-il sena.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li tinkludi tliet kundanni dwar reati li jinvolvu serq, bl-ahhar kundanna dwar diversi akkuzi ta’ serq aggravat u attentat ta’ serq aggravat, fir-rigward ta’ liema l-imputat gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin. Fil-fatt din hija s-sentenza mertu tar-raba’ imputazzjoni, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif diversament presjeduta, fl-10 ta’ Lulju 2007. Ghalhekk ir-reat odjern gie kommess mill-imputat waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza. Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma jidhrilhiex illi jkun idoneu illi tordna illi s-sentenza sospiza tigi reza operattiva, izda mill-banda l-ohra, u anke in vista tal-fatt illi l-imputat beda jabbuza mid-droga eroina minn eta` tenera, ikun ghaqli illi huwa jigi sorveljat waqt il-perjodu operattiv tal-istess sentenza u dan sabiex jigi assigurat illi jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(f) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) tikkundannah ghall-**multa ta' tmien mija u hamsin Euro (€850)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d) u wara li rat l-Artikoli 28B(2)(b) u 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq indikati, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli, fl-10 ta' Lulju 2007, permezz ta' liema sentenza huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' erba' snin jerga' jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Il-Qorti qeghda in oltre tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' tliet snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Supervizjoni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------